# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 7**

**Rikors Numru: 12/11**

**Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 27/11 fl-ismijiet:**

**Grazio sive Horace Cachia**

**v.**

**Agostino sive Winston Carbone u Verney Carbone**

**U**

**wara l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju numru 25/2011**

**Grazio sive Horace Cachia, irtirat, bin John u Emanuela nee` Fenech**

**v.**

**Agostino sive Winston Carbone, irtirat,**
**bin Rocco u Michelina nee` Mizzi u**
**Verney Carbone, mart Agostino sive Winston Carbone,**
**bint Donald Kemp u Gail nee` Haighton**

Dan hu rikors b'urgenza imressaq minn Verney Carbone fit-2 ta' Gunju, 2016, li bih qeghdha titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 27/11 u l-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju 25/2011, it-tnejn fl-ismijiet premessi ai termini tal-paragrafi (d) u (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u, fin-nuqqas, li Grazio sive Horace Cachia jigi ordnat li jiddepozita garanzija xierqa ai termini tal-Artikolu 838A tal-istess Kodici, biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u tad-danni kollha u imghax li ghalihom l-imsemmi Cachia huwa passibbli, u fin-nuqqas li jaghmel dan, tirrevoka u thassar ghal kollox l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 27/11 u l-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju 25/2011 fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull jedd iehor spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess Grazio sive Horace Cachia.

Ir-rikorrenti sekwestrata Verney Carbone, issostni li l-imsemmija Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 27/11 u l-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju 25/11, inhargu in kawtela tal-pretensjonijiet ta' Grazio sive Horace Cachia fil-konfront tal-allegat kreditu li ghandu hekk kif dedotti fl-atti tar-rikors guramentat 12/2011.

Hija tispjega li permezz ta' sentenza finali moghtija minn din (sic) il-Qorti fis-7 ta' April, 2016 fl-atti tal-precitat Rikors Guramentat 12/2011fl-ismijiet premessi, dina (sic) l-Onorabbli Qorti ddecidiet:

> "il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tal-attur, tilqa' l-ewwel, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut Agostino Carbone u tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tieghu limitatament in kwantu ma jirrizultax ksur tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta; tilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Verney Carbone.
>
> "Tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenzjonat fir-rigward, billi tiddikjara l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999 bhala nulla in kwantu simulata u li saret unikament sabiex timmaskera l-uzura u tiddikjara wkoll l-iskrittura tal-15 ta' Mejju, 1987 nulla in kwantu tistipula rata ta' imghax li evidentement hija illecita, filwaqt li d-dejn hemm imsemmi jirrizulta debitament imhallas u sodisfatt fis-shih mid-debituri. Tilqa' is-sitt eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant Agostino Carbone limitatament kwantu ma jirrizultax ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Bl-ispejjez kollha tal-kawza inkluz il-kontrotalbiet jithallsu mill-attur Horace Cachia hlief dawk relatati ghat-tieni u raba' eccezzjonijiet tal-konvenut Agostino Carbone li ghandu jbatihom l-istess Carbone."

Ir-rikorrenti sekwestrata qeghda tibbaza t-talba odjerna taghha fuq l-Artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdu:

> "(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda titratta din il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f`parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:– …
>
> "(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ; jew …

> "(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."

Hija ssostni li tenut kont ta' dak deciz mill-Qorti fis-sentenza taghha tas-7 ta' April, 2016, li wara li semghet ix-xhieda kollha u rat il-provi dokumentarji, iddecidiet li l-ammont mitlub mis-sekwestrant Grazio sive Horace Cachia mhux dovut lilu, isegwi li l-ammont mitlub minnu mhuwiex "*prima facie gustifikat*", peress li huwa kolpit bin-nullità u bil-preskrizzjoni, u ghalhekk isegwi li ma jkunx ragonevoli li l-precitati mandati kawtelatorji jibqghu fis-sehh.

Is-sekwestrant Horace Cachia, ai termini tal-Artikolu 836(3) tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ressaq nota li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm imfissra, oppona ghat-talbiet tar-rikorrenti Verney Carbone.

Ghandu jinghad mal-ewwel li s-sentenza citata mir-rikorrenti sekwestrata mhix wahda finali kif hija qeghda tippretendi, in kwantu l-imsemmija sentenza tinsab appellata u tinsab pendenti quddiem din il-Qorti sabiex tigi appuntata ghas-smigh.

Ikknsidrat illi fi proceduri ta' din ix-xorta, l-ezami li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi

skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment rizervat ghall-proceduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawza.

Kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, fid-decizjoni taghha tal-24 ta' April, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Zealand Holdings Inc. v. Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V. registrat fl-Olanda**, f'dawn il-proceduri, din il-Qorti, ovvjament, ma tistax u mhijiex se tidhol biex tezamina l-pretensjonijiet fil-mertu taz-zewg nahat. Il-mandati kawtelatorji jinhargu fuq responsabbilta` ta' min jitlob il-hrug taghhom, u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-hrug ta' mandati simili, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu, m'ghandux jigi mxekkel ingustament. Del resto, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Chetcuti v. Chetcuti**, deciza fis-27 ta' Gunju 2002:

> "Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".

Fuq bazi *prima facie* ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet li s-sekwestrant qieghed iressaq jistghu jitqiesu bla fundament legali peress li huwa jsejjes l-azzjoni tieghu fuq talba ghal kanonizazzjoni ta' kreditu ta' €93,174.94 naxxenti minn skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu. Is-sekwestrant kellu bazi legali sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu u

jsegwi li l-ligi taghtih l-possibilità permezz ta' diversi mandati kawtelatorji li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu u ghalhekk huwa kien qieghed jagixxi fil-parametri ta' dak lilu permess mil-ligi.

Ghalkemm permezz tas-sentenza taghha tas-7 ta' April, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet fis-shih it-talbiet tal-attur Cachia f'dik il-kawza, in kwantu l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999, kienet ritenuta nulla peress li hija kienet meqjusa msejsa fuq kawza illecita u l-ammonti mitluba tqiesu preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili, madankollu l-istess sentenza mhix wahda finali in kwantu tinsab appellata. L-ezami dwar jekk il-pretensjonijiet tas-sekwestrant jigux ippruvati konkludentement m'ghandux isir fil-procedura odjerna peress li mhix il-procedura adattata li ssir. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-istess pendenza trid tigi deciza fil-mertu fl-appell u dan japplika wkoll ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija bhala difiza mir-rikorrenti odjerna, li ghalhekk isegwi li ghandha tigi trattata u deciza fil-kawza nnifisha.

Lanqas jista' jinghad li l-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru huwa eccessiv in kwantu l-pretensjonijiet maghmula fil-mandat jirriflettu dawk maghmula fl-iskrittura in kontestazzjoni, ekwivalenti ghal €93,174.94. Permezz tas-sekwestru mertu ta' dan ir-rikors, tirrizulta kawtelata s-somma ta' €16,339.69, oltre l-inibizzjoni fuq it-trasferiment ta' interess

jew ishma f'numru ta' kumpaniji hemm imsemmija, li l-valur taghhom ma jirrizultax accertat.

Hekk ukoll fil-kaz tal-Artikolu 836(1)(f) tal-istess Kap.12, ir-rikorrenti sekwestrata bla ebda mod ma rnexxiela tipprova li mhuwiex ragonevoli li fic-cirkostanzi l-mandati kawtelatorji jibqghu fis-sehh jew ressqet xi prova li l-istess mandati mhumiex aktar mehtiega jew gustifikabbli, peress li ghalkemm inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, is-sekwestrant Cachia appella minn dik is-sentenza u ghadu qieghed isostni l-pretensjonijiet tieghu fil-mertu taghhom. Il-pretensjonijiet tieghu ghadhom *sub judice,* in kwantu ghad iridu jigu determinati finalment quddiem il-Qorti tal-Appell.

Ir-rikorrenti sekwestrata tishaq li mhux ragonevoli li l-mandati kontestati minnha jibqghu fis-sehh peress li l-pretensjonijiet tas-sekwestrant kienu ritenuti bhala kolpiti bin-nullità u preskritti. Dawn ir-ragunijiet kollha imsemmija mill-istess rikorrenti sekwestrata jifformaw il-qafas tal-eccezzjonijiet taghha fil-kawza propja ghat-talbiet attrici, b'dan li anke jekk fl-istess kawza tali eccezzjonijiet taghha jigu kkonfermati bhala misthoqqa, kollha jew in parte fl-appell, xorta ma jwasslux ghall-konkluzjoni li, f'dan l-istadju, l-pretensjonijiet tas-sekwestrant vantati minnu fil-mandati premessi ma jezistux *prima facie*. Kieku kien mod iehor qatt ma jista' jinhareg mandat kawtelatorju, ghaliex l-ezistenza jew

il-konsistenza ta' kull pretensjoni tigi biss finalment determinata bis-sentenza li tghaddi in gudikat, u certament li dan imur kontra *r-raison d'etre* tal-mandati kawtelatorji, bbazata fuq il-principju tal-ezistenza *prima facie* ta' dritt li ghandu jigi kawtelat. (ara f'dan is-sens decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Frar, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Visa Investments Ltd v. Blye Engineering Co. Ltd**).

Ghandu jinghad ukoll li s-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. B'hekk, il-kwestjoni ta' jekk huwiex ragonevoli jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh, ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet attrici. (ara f'dan is-sens decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Settembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Ryan John Farrugia v. Olive Gardens Investments Limited et**). Kif rilevat qabel, is-sentenza li ticcita s-sekwestrata m'ghaddietx in gudikat peress li tinsab appellata u ghall-istess ragunijiet moghtija qabel, ma jistax jinghad li mhuwiex ragonevoli li l-mandati kawtelatorji jibqghu fis-sehh. Ma jirrizultax li r-rikorrenti sekwestrata tat raguni tajba bizzejjed biex thassar il-mandati kontestati minnha.

Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni m'ghandhomx jitnehhew, izda meta tqis ic-

cirkostanzi u r-rizultat taghhom, fis-sens li s-sekwestrata qeghda tigi mcahhda milli tirtira u thaddem il-flus taghha, kif ukoll milli titrasferixxi l-ishma li ghandha fid-diversi socjetajiet imsemmija fil-mandat ta' inibizzjoni, tqis li ghandha tordna lis-sekwestrant jaghti garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 kif mitlub mill-istess rikorrenti sekwestrata. Ir-rimedju tal-ghoti tal-garanzija kif mahsub taht l-imsemmi artikolu in ezami, huwa alternattiv ghat-talba tar-revoka tal-mandati, anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba l-mandati kontestati jibqghu fis-sehh.

L-imsemmi Artikolu 838A jezigi li trid tintwera "kawza gusta" sabiex il-Qorti tordna lill-persuna li tkun harget mandat kawtelatorju, li taghti garanzija tajba. Il-fatt li nhargu l-mandati kontestati, fihom infushom, ma jitqiesux bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, peress li jrid ikun hemm ragunijiet ohra, izjed serji sabiex iwasslu lill-Qorti tadotta l-mizura kontemplata fl-imsemmi artikolu.

Is-sekwestrata tilmenta li hija giet kolpita b'mod dizastruz fis-sens li kemm il-gestjoni tal-hajja taghha civili, kif ukoll dik tan-negozju, ntlaqtet sew, li holoq pregudizzju gravi ghaliha, tant li ssostni li jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili u ghalhekk issostni li l-imsemmi Grazio sive Horace Cachia huwa passibbli ghad-danni li hija batiet u li ghad tista' tbati. Hija ghalhekk tishaq li tixtieq tikkawtela l-

pretensjonijiet taghha ghad-danni fil-konfront tas-sekwestrant, konsistenti fit-telf ta' uzu tas-somma ta' €16,642, flus taghha li gew depozitati l-qorti mill-bank, permezz tac-cedola ta' depozitu esebita minnha, s-somma ta' €302.51, li tilfet meta l-Bank approprja ruhu minnha sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez in konnessjoni mal-imsemmija cedola ta' depozitu, u t-telf ta' qligh mill-istess flus u tar-reputazzjoni taghha mal-banek kummercjali, kif ukoll telf ta' opportunità ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ishma soggetti ghall-inibizzjoni imposta, liema danni ser jibqghu jizdiedu sakemm jibqghu fis-sehh l-istess mandati kontestati, kif ukoll ghall-penali li tista' tigi nflitta fuq l-imsemmi Grazio sive Horace Cachia, f'kaz li jkun ritenut li l-mandati nhargu b'malizzja, jew it-talbiet tieghu jirrizultaw frivoli u vessatorji .

Ghalkemm kif inghad qabel, il-valur tal-ishma fil-kumpaniji milquta bil-mandat ta' inibizzjoni ma jirrizultax ippruvat, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa minnu li r-rikorrenti sekwestrata qeghdha ssofri mhux semplici nkonvenjent, izda aktar minn hekk hija qeghda potenzjalment issofri danni konsegwenti t-telf tal-uzu tal-flus taghha, li a tenur tal-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili jinghad li jissewwew bil-hlas ta' imghax bir-rata ta' 8%, tilfet il-flus li tnaqqsulha mill-bank bhala spejjez gudizzjarji, li ghandhom tabilhaqq jigu kawtelati, kif ukoll sabiex tikkawtela penali li potenzjalment jistghu jigu nflitti, kif hawn qabel spjegat, li jistghu wkoll jirrizultaw misthoqqa.

Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha tad-29 ta' Lulju, 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart**:

> "Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mill-ligi sakemm il-kwestjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwestjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu…"

Min-naha l-ohra, fl-istess sentenza, nghad ukoll:

> "Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jigi iffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex ihares il-pretensjonijiet taghha f'kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat. Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tezegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha;"

Din il-Qorti taqbel pjenament mal-imsemmija konsiderazzjonijiet u taghmilhom taghha u meta tapplikahom ghall-kaz in ezami, tara li ghandha tordna l-ghoti ta' garanzija fis-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) biex taghmel tajjeb ghad-danni u imghax li tista' ggarrab ir-rikorrenti sekwestrata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Verney Carbone billi, f'dan l-istadju, tichad l-ewwel talba taghha, pero`, tilqa' t-tieni talba u tordna lis-sekwestrant Grazio sive Horace Cachia sabiex fi

zmien ghoxrin (20) jum mil-lum jipprovdi lill-imsemmija Verney Carbone garanzija bankarja xierqa ghas-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), liema garanzija trid tigi depozitata taht l-awtorità tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u dan biex jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' spejjez, ta' penali, ta' danni u ta' imghax ai termini tal-Artikolu 838A tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li fin-nuqqas ta' tali garanzija fiz-zmien stabbilit, il-Mandat ta' Sekwestru 27/11 u l-Mandat ta' Inibizzjoni 25/2011 ghandhom jithassru b'effett immedjat, minn dak in-nhar li jghaddi l-imsemmi terminu u minghajr il-htiega ta' ebda provvediment iehor.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df